Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 25985220 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

15 ta' Ġunju 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Wasalna fl-aħħar ta' sena skolastika tassew b'differenza. Minkejja d-diffikultajiet, min ħadem id f'id mal-iskola jaf li għamilna minn kollox biex din is-sena xorta tkun esperjenza sabiħa għat-tfal kollha.

L-iskola tispiċċa nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju. Is-sena d-dieħla, t-tfal jibdew il-ħames sena tal-esperjenza tagħhom fil-primarja fl-iskola tagħna u rridu nkomplu fuq dak li bnejna din is-sena, bit-tajjeb u l-ħażin kollu. B'mod jew ieħor, f'Settembru ssir laqgħa magħkom u t-tfal. Ninfurmawkom b'aktar dettalji qabel tibda l-iskola.

Sadanittant, qed nibagħtulkom żewġ listi.

L-ewwel lista hija l-lista tas-soltu, tal-affarijiet bażiċi li t-tfal ser ikollhom bżonn fil-Ħames Sena. Din il-lista mhux kompluta u meta nibdew l-iskola f'Settembru, l-għalliema jkomplu jżidu magħha. Iżda din il-lista għandha tgħin biex wieħed jibda jipprepara minn qabel.

- 1 pitazz tal-kaxxi(1 cm)
- Pakkett foolscaps b' żewġ toqob
- 2 red flat files, 2 blue flat files, 2 green flat files
- Project Book A5
- Pocket File
- Pencil Case (pokit) – riga żgħira, 2 lapsijiet, 2 biros blu, 2 biros kulur ieħor, highlighter, gomma, temprina, whiteboard marker, riga twila
- Glue stick, kuluri, imqass bla ponta
- Kaxxa tissues u wet wipes
- Folder tal-buttuna abjad (għall-'homeworks')
- Hand wash u hand sanitizer

Matul is-sena skolastika l-ġdida, it-tfal ser ikollhom bżonn numru ta' affarijiet, inkluż djarju u numru ta' booklets li jintużaw matul is-sena. Bejn wieħed u ieħor, il-prezz tad-djarju u l-booklets ikun ta' €30.

It-tieni lista hija ferm aktar importanti. Hija lista ta' affarijiet li t-tfal iridu jkunu jafu sew sakemm jibdew il-Ħames Sena. Il-bajtra ma taqa' f'ħalq ħadd. Jekk tridu li uliedkom jagħmlu progress mela araw li anke fis-sajf ikomplu jaħdmu b'mod bilanċjat imma regolari. Din il-lista hija essenzjali biex meta t-tfal jibdew il-Ħames Sena, jibdew fuq sieq tajba. Għalxejn insibu l-iskużi – ċertu affarijiet it-tfal iridu jistudjawhom. Jekk hemm bżonn iridu jistudjawhom kuljum sakemm idaħħluhom f'moħħhom. Jistudjawhom billi jgħiduhom, jiktbuhom jekk hemm bżonn anke għal erba', ħames jew għaxar darbiet sakemm jitgħallmuhom. It-tfal iridu jkunu jafu:

- L-indirizz u numri tat-telefon importanti bl-amment
- Jużaw imqass
- It-tables tat-2, 3, 4, 5, 10 u jafu d-differenza bejn numri odd u even
- Place Value (sa 1000)
- Rounding numbers mill-1 sal-100, sal-eqreb 10
- Jiktbu l-ġranet tal-ġimgħa, ix-xhur u l-istaġuni bil-Malti u bl-Ingliż
- 2D u 3D shapes bażiċi (circle, square, triangle, rectangle, cube, cuboid, sphere, cone...)
- Jiktbu n-numri (kliem) mill-1 sal-100 bil-Malti u l-Ingliż
- Il-ħin (is-siegħa, u nofs, u kwart)
- L-alfabett bil-Malti u bl-Ingliż, ipoġġu lista f'ordni alfabetiku u jagħmlu distinzjoni bejn vokali u konsonanti
- Kapaċi jwieġbu mistoqsijiet dwar test (kitba), b'mod sħiħ, u jafu x'inhu nom, verb u aġġettiv bil-Malti u bl-Ingliż.

Fil-bidu tas-sena skolastika, it-tfal ser jiġu assessjati għal dawn il-ħiliet bażiċi.

Matul ix-xhur tas-sajf, nistiednu lit-tfal kollha biex jieħdu sehem fis-Summer Challenge 2021. Dettalji dwar din l-attività daqt issibuhom fuq is-sit elettroniku tal-iskola. Is-sit huwa http://smc.zabbarb.skola.edu.mt/. Fuq is-sit elettroniku tal-iskola ssibu wkoll informazzjoni u dettalji utli, inkluż il-kalendarju tal-attivitajiet tal-iskola. Tistgħu wkoll issegwu l-Facebook page tal-iskola.

Fl-aħħar nett nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzjakom tal-fiduċja u l-kooperazzjoni matul ix-xhur li għaddew. Is-sapport tagħkom f'dan iż-żmien kien ifisser ħafna.

Tislijiet



Charlot Cassar
Kap tal-Iskola